**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**19 ta' Marzu, 2023**

# ĦAJJA ĠDIDA

Nixtieq ngħarrafkom b'xi affarijiet li nistgħu nwettqu f'dan iż-żmien ta' grazzja qabel ma niċċelebraw l-Għid Imqaddes fid-9 ta' April li ġej.

**EŻERĊIZZI.** It-Tnejn li ġej ikollna l-eżerċizzi għal kulħadd, li jkomplu sal-Ġimgħa 24 tax-xahar. Ikunu fis-6:30pm fil-knisja u se jagħmilhom Patri Etienne Gilson.




L-adolexxenti u ż-żgħażagħ ukoll se jkollhom l-eżerċizzi mit-Tnejn 20 sal-Ġimgħa 24 ta' Marzu fit-8:00pm fiċ-Ċentru taż-Żgħażagħ u jsiru mis-Sem. Matthew Sammut.

**VANĠELU FID-DAR.** Qassamna l-Vanġelu ta' San Mattew fid-djar. Tinsewx tinġabru u taqraw siltiet ma' xulxin. Il-Kelma t'Alla kapaċi tibdilna.

**QRAR.** Fil-programm għandkom imniżżlin jiem ta' qrar u anke ċelebrazzjoni penitenzjali fil-5 t'April. Approfittaw u ħejju ruħkom għall-Għid il-Kbir.

**TBERIK.** F'dan il-bullettin qed nagħmlu l-formula tat-tberik għall-aħħar darba. Min irid li jkollu żjara minn wieħed mis-saċerdoti, jimla l-formula u jitfagħha fil-kaxxa tal-ittri tal-Uffiċċju Parrokkjali.

***L-Arċipriet***

**TBERIK**

Dawk li jixtiequ jbierku fi żmien l-Għid ta' din is-sena, jekk jogħġobhom jimlew il-formola ta' hawn taħt:

Isem u kunjom: ______________________

Indirizz: ______________________

______________________

Numru tat-telefown jew mobile: ______________________

Email: ______________________

**AVVIŻ LIL DAWK IL-PERSUNI LI JĠORRU L-KTAJJEN WAQT IL-PURĊISSJONI**

Dawk il-persuni li jixtiequ jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi jġorru l-ktajjen huma mitluba li jagħtu isimhom u dettalji oħra kif elekant hawn taħt. Nixtiequ navżaw lil dawn il-persuni interessati sabiex isegwu sewwa dawn id-direttivi:

*Il-persuna li tieħu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi ġġorr il-ktajjen trid tkun għalqet it-tmintax-il sena.

*Sabiex tinżamm l-anonimità tal-persuni hawn fuq imsemmija, dawk interessati għandhom jinkitbu biss għand Mario Bugeja fuq in-numru 21558408 (wara s-6:30pm) jew għand Fr Joe Cardona fuq in-numru 99847101.

*Dawk il-persuni li ser jinkitbu ser ikunu mitluba l-karta tal-identità sabiex tkun assigurata l-kundizzjoni li l-persuna li ser tieħu sehem verament għalqet it-tmintax-il sena.

*Dawn il-parteċipanti rispetti li ser jieħdu sehem, huma mfakkra li huma personalment responsabbli għal kull ħsara fiżika, uġigħ u/jew feriti li jistgħu jġarrbu waqt li jkunu jieħdu sehem fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira billi jġorru l-ktajjen.

**L-AVVIŻI:**

**GĦOTI TAD-DEMM**: fil-Berġa tax-Xewkija nhar it-Tlieta 21 ta' Marzu mis-1:00pm sal-5:00pm segwit minn sessjoni oħra l-Ħadd 26 ta' Marzu mit-8:00am sas-1:00pm.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li se torganizza attività nhar il-Ħamis 23 ta' Marzu fejn se żżur il-Kappella tal-Lunzjata ta' Kerċem. Niltaqgħu fid-9:30am ħdejn iċ-Ċentru. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 6:30pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am